MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 509/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**MOHAMMED EL TAIEB IBRAHIM AMRON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mohammed El Taieb Ibrahim Amron ta’ 24 sena, bin Mohamed u Nadia, mwieled Palestina nhar it- 3 ta’ Lulju 1986, residenti Hal- Safi, Centru Maghluq Malta u detentur tan- numru tal- Pulizija 04UU-005

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 22 ta' Mejju 2010 kif ukoll fix- xhur ta' qabel f' Safi Malta, ikkommetta harba minn post ta' kustodja pubblika u dan bi ksur tal- Artikolu 151 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju tal-provi tieghu f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti ma kellha ebda dubju li l-imputat, fit-22 ta' Mejju 2010, waqt li kien mizmum mill-Awtoritajiet lokali, kien effettivament harab mill-kustodja tac-Centru ta' Detenzjoni. Kien hemm diversi xhieda okulari li rawh jahrab, u fil-fatt hu kien inqabad ftit tal-hin wara qed jirkeb karozza tal-linja. In vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah seba (7) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------